

31993L0056

18.8.1993

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 206/13

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 93/56/KEE**tad-29 ta' Ġunju 1993****li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/471/KEE dwar ċertu prodotti użati fin-nutrimet ta' l-annimali**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

L-Artikolu 2

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 82/471/KEE tat-30 ta' Ġunju 1982 dwar ċertu prodotti użati f'nutrimet ta' l-annimali ⁽¹⁾, kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 93/26/KEE ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6 dwar dan,

Billi Direttiva 82/471/KEE tippovdi li l-kontenut ta' l-Annessi jrid jiġi adattat regolarment sabiex jitqiesu l-avvanzi f'taġħrif xjentifiku u tekniku;

Billi l-istudju tal-kompost nitroġenu mhux proteina "sulfat ta' l-ammonja (*ammonium sulfate*)" u ta' *hydroxyanalogue* ta' *methionine* u l-melħ tal-kalċju tiegħu ppermetta effett ta' ġid fruminanti li jridu jiġu stabbiliti; billi awtorizzazzjoni għall-użu tal-prodotti fil-kwistjoni għandha għalhekk tiġi estiża għal din il-kategorija ta' annimal;

Billi l-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma b'konformità mal-Kumitat Permanenti dwar it-Tgħam,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

L-Anness mad-Direttiva 82/471/KEE huwa hawnhekk emendat kif stabbilit fl-Anness ma' din id-Direttiva.

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' l-Artikoli 1 sa mhux iktar tard mit-30 ta' Ġunju 1994. Għandhom minnufih jgħarrfu bihom lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandu jkollhom kull referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza mal-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal din ir-referenza għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

L-Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-29 ta' Ġunju 1993.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 213, tal-21. 7. 1982, p. 8.

⁽²⁾ ĠU L 179, tat-22. 7. 1993, p. 2.

1. F'grupp 2, "Komposti nitroġeni mhux proteina", taħt punt 2.2, "Imluħa tal-ammonja", il-prodott li ġej huwa miżjud:

1	2	3	4	5	6	7
Isem tal-grupp tal-prodott	Isem il-prodott	Turija ta' prinċipju nutrittiv jew identit ta' mikro-organiemu	Sotto-strat ta' kultura (speċifikazzjonijiet jekk ikun hemm)	Karatteristiċi ta' kompożizzjoni ta' prodott	Speċi ta' annimal	Disposizzjonijiet speċjali
	"2.2.3. Sulfat ta' l-ammonja f'soluzzjoni akwea	(NH ₄) ₂ SO ₄	—	Sulfat ta' l-ammonja: minimu 35 %	Ruminanti, mill-bidu ta' ruminazzjoni	<p>Dikjarazzjonijiet li jridu jsiru fuq it-tikketta jew l-ippakkeġġjar tal-prodott:</p> <ul style="list-style-type: none"> — il-kliem: 'Sulfat ta' l-ammonja', — nitroġenu u kontenut ta' umdita, — speċje ta' annimal, — fil-każ ta' ruminanti żgħar, ir-rata ta' inkorporazzjoni fir-razzjon ta' kuljum ma jridx jeċċedi l-0.5% <p>Dikjarazzjonijiet li jridu jsiru fuq it-tikketta jew l-ippakkeġġjar tat tgħam kompost:</p> <ul style="list-style-type: none"> — il-kliem 'Sulfat ta' l-ammonja', — l-ammont tal-prodott li jinsab fit-tgħam, — persentaġġ tal-proteina kruda totali ipprovduta min-nitroġenu mhux proteina, — indikazzjoni fl-istruzzjonijiet ta' użu tal-livell tan-nitroġenu mhux proteina totali li m'għandux jinqabeż fir-razzjoni ta' kuljum ta' kull speċje ta' annimal, — fil-każ ta' ruminanti żgħar, ir-rata ta' inkorporazzjoni fir-razzjoni ta' kuljum m'għandux jeċċedi il – 0,5 %"

2. Fi grupp 4, "Hydroxyanalogues ta' amino aċidi", "minbarra ruminanti" hija mħassra f'kolonna 6, "Speċi ta' Annimal" rigward prodotti 4.1.1, "Hydroxy analogue ta' methionine" u 4.1.2, "Melħ tal-Kalċju ta' hydroxyanalogue ta' methionine".